# Animazzjoni tal-Quddies tal-Ħadd
L-X Ħadd Matul is-Sena
Sena B

**Introduzzjoni**
Illum ser niċċelebraw il-liturġija tal-għaxar Ħadd ta' matul is-sena. Il-liturġija ta' dan il-Ħadd tistedinna sabiex inkunu dixxipli sinċiera li nafdaw f'Alla.
Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**L-Ewwel Qari** (Ġen 3, 9-15)
Ir-rakkont tal-waqgħa tal-bniedem fid-dnub fil-ġnien tal-Għeden jurina li l-bniedem sar ilsir għax kisser ir-relazzjoni li kellu ma' Alla.
Nisimgħu l-ewwel qari.

**Salm Responsorjali** (Salm 129 (130), 1-2.3-4ab.4ċ-6.7-8)
Għand il-Mulej hemm it-tjieba, u l-fidwa għandu bil-kotra

**It-Tieni Qari** (2 Kor 4, 13 - 5, 1)
L-appostlu San Pawl ma jonqos qatt milli jqawwi l-qlub ta' dawk li qed ibgħatu u jħeġġeġ għat-twemmin fi Kristu rebbieħ fuq il-mewt.
Nisimgħu t-tieni qari.

**L-Evanġelju** (Mk 3, 20-35)
Il-preżenza ta' Ġesù fid-dinja għelbet il-qerq tax-xitan.
Nilqgħu bil-ferħ it-tħabbira tal-Evanġelju billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien l-Hallelujah.

**Offertorju**
Ejjew f'dan il-mument inroddu ħajr lil Alla għal dak kollu li jipprovdielna bħala wliedu.
Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**
Biex ngħixu ta' veri dixxipli ta' Kristu, aħna lkoll mistiedna nirċevuh ġo fina sabiex Hu jqawwi din il-mixja tagħna warajh.
Nersqu għat-tqarbin, filwaqt li nkantaw flimkien.